MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 82/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Samuel Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Gunju, 2007, ghall-habta tal-11.00 a.m. gewwa l-ghassa ta' Hal-Qormi :
1. ingurja lil WPC 172 R. Gauci, persuna nkarigata skond il-Ligi mis-servizz pubbliku bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqha biza';
*2.* qal kliem fil-konfront taghha *"mur hudu f'… kemm ghandek u f'… il-mejtin tieghek".*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Marzu, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal Euro 58.23

ammenda, ekwivalenti ghal LM25. Inoltre, l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-appellant Samuel Baldacchino b'obbligazzjoni personali ta' Euro 232.94 ekwivalenti ghal LM100 li jzomm il-kwiet ma' WPC 172 R. Gauci ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 t'April, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li bih Dr. Farrugia ghall-appellant irtira t-tieni aggravju dwar il-hin u zamm ferm l-aggravji l-ohra.

Semghet ix-xhieda mill-gdid inkluzi x-xhieda ta' WPC 172 Ruth Gauci w tal-appellant u hadet konjizzjoni tal-affidavit ta' PC 539 Fabian Caruana.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jidher li verament hemm konflitt fil-provi bejn dak li xehedu PC Caruana w WPC Gauci w dak li xehed l-appellant. Pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs Joseph Thorn"** [9.7.2003], mhux kull konflitt fil-provi jwassal awtomatikament ghall-liberazzjoni tal-akkuzat, imma l-Qorti trid tifli d-deposizzjonijiet u tara lil min taghti kredibilita' skond il-principji li jissemmew fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Wara li ghamlet dan, din il-Qorti tqis li l-verzjoni ta' WPC 172 Ruth Gauci, kif korroborata mill-affidavit ta' PC Fabian Caruana hija, aktar attendibbli w ghalhekk il-verzjoni tal-

appellant li hu qalilha biss kliem *“kemm inti antipatika”* – li minnu nnifsu wkoll kien jammonta ghall-ingurja – m’ghandix titwemmen.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tabbraccja l-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni w dwar il-mertu ssib, kif sabet l-Ewwel Qorti, lill-appellant hati tar-reati dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena ftit hemm x’wiehed jghid specjalment meta wiehed jara l-fedina penali refrattarja voluminuza tal-appellant u ghalhekk ma jidhirx li hemm lok li f’dan il-kaz ikun hemm xi temperament fil-piena pekunjarja li giet erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------